



Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2016/2224(INI)

8.9.2017

OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar miżuri leġittimi għall-ħarsien ta' informaturi li jkunu qed jaġixxu fl-interess pubbliku meta jiżvelaw informazzjoni kunfidenzjali dwar kumpaniji u korpi pubbliċi
(2016/2224(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Maite Pagazaurtundúa Ruiz

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi l-Kummissjoni ddikjarat fil-komunikazzjoni tagħha tal-5 ta' Lulju 2016 li l-protezzjoni tal-informaturi, kemm fis-settur pubbliku kif ukoll dak privat, tikkontribwixxi għall-indirizzar tal-ġestjoni ħażina u l-irregolaritajiet, inklużi l-korruzzjoni transkonfinali, l-evażjoni tat-taxxa transnazzjonali u l-prattiki kummerċjali inġusti, li kollha kemm huma jsejtnu prinċipalment minħabba differenzi leġiżlattivi bejn il-leġiżlazzjonijiet tal-Istati Membri;
- B. billi l-iżvelar ta' informazzjoni protetta tirrappreżenta sors fundamentali ta' informazzjoni fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, fl-investigazzjoni ta' każijiet ta' korruzzjoni fis-settur pubbliku u dak privat, kif ukoll fid-detezzjoni ta' skemi ta' evitar tat-taxxa stabbiliti minn kumpaniji, u billi l-protezzjoni tal-informaturi hija għalhekk essenzjali biex tiġi promossa kultura ta' responsabbiltà u integrità pubblika u biex jiġu salvagwardjati l-interess pubbliku u l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea; billi l-informaturi li jaġixxu fl-interess pubbliku sabiex jesponu kondotta ħażina, imġiba ħażina, frodi jew attività illegali ta' spiss ma jhossuomx verament protetti u ta' spiss jieħdu riskju personali għoli ħafna, għaliex jistgħu jiġu mkeċċija, imħarrka, ibbojkottjati, arrestati, mhedda jew ivvittimizzati u ddiskriminati f'diversi modi oħra.
- C. billi l-Unjoni hija mibnija fuq il-valuri tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, li huma mnaqqxa fl-Artikolu 2 tat-TUE;
- D. billi s-salvagwardja tal-kunfidenzjalità tal-identitajiet tal-informaturi u l-informazzjoni li jiżvelaw tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' aktar mezzi effettivi għar-rapportar ta' frodi, korruzzjoni, għemil ħażin, imġiba ħażina jew ksur ieħor serju, u billi, minħabba s-sensittività tal-informazzjoni, ġestjoni ħażina ta' kunfidenzjalità tista' twassal għal żvelar mhux mixtieq ta' informazzjoni u ksur tal-interess pubbliku fl-Unjoni; billi fis-settur pubbliku, il-protezzjoni tal-informaturi tista' tagħmilha eħfef biex jiġi skopert l-użu ħażin ta' fondi pubbliċi, frodi u forom oħra ta' korruzzjoni transkonfinali relatati mal-interessi nazzjonali jew tal-UE.
- E. billi r-rapportar minn informaturi ta' informazzjoni protetta li tista' thedded jew tkun ta' ħsara għall-interess pubbliku jsir fuq il-bażi tal-libertà ta' espressjoni u informazzjoni tagħhom, iż-żewġ drittijiet imħaddna fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, b'mod partikolari l-Artikolu 11 tagħha, u b'sens qawwi ta' responsabbiltà u moralità ċivika;
- F. billi fir-riżoluzzjonijiet tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2013 dwar il-kriminalità organizzata, il-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus: rakkomandazzjonijiet dwar azzjonijiet u inizjattivi li jridu jittieħdu, tal-25 ta' Novembru 2015 dwar id-deċiżjonijiet fil-qasam tat-taxxa u miżuri oħra ta' natura jew effett simili, tas-16 ta' Diċembru 2015 dwar il-kisba tat-trasparenza, il-koordinazzjoni u l-konverġenza fil-politiki dwar it-taxxa korporattiva, u tal-14 ta' Frar 2017 dwar ir-rwol tal-informaturi fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE, il-Parlament talab lill-Kummissjoni biex tressaq proposta leġiżlattiva li tistabbilixxi programm Ewropew komprensiv u effikaċi għall-protezzjoni tal-informaturi li jipproteġi

lil dawk li jirrapportaw frodi suspetta jew attività illegali li taffettwa l-interess pubbliku jew l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea;

- G. billi d-differenzi fit-trattament u l-protezzjoni tal-informaturi bejn l-Istati Membri jistgħu jiskuraġġuhom milli jiżvelaw informazzjoni, b'mod partikolari informazzjoni li hija rilevanti f'diversi Stati Membri, u billi l-protezzjoni tal-informaturi ma jistax jintlaħaq permezz ta' miżuri legali biss, iżda dan għandu jsir ukoll billi titrawwem bidla kulturali fis-soċjetajiet Ewropej dwar kif huwa pperċepit l-iżvelar ta' informazzjoni protetta, partikolarment b'rabta mad-drittijiet fundamentali;
- H. billi l-protezzjoni tal-informaturi fl-Unjoni Ewropea m'għandhiex tkun limitata għal każijiet Ewropej biss, iżda għandha tapplika wkoll għal każijiet internazzjonali.
1. Jenfasizza li, fi stati demokratiċi u miftuħa mibnija fuq l-istat tad-dritt, iċ-ċittadini għandhom id-dritt li jsiru jafu dwar ksur serju tad-drittijiet fundamentali tagħhom u li jikkundannaw dak il-ksur, inklużi dawk li jinvolvu lill-gvern tagħhom stess;
 2. Jirrikonoxxi li l-iżvelar ta' informazzjoni protetta għandha rwol kruċjali fil-ġlieda kontra l-frodi, il-frodi tat-taxxa, l-evażjoni tat-taxxa, il-ġestjoni ħażina, il-kondotta ħażina, l-għemil ħażin, attivitajiet li jippreġudikaw l-interess pubbliku jew attivitajiet kriminali jew illegali; jinnota li matul il-każijiet reċenti ta' żvelar ta' informazzjoni protetta, sar evidenti li l-informaturi għandhom rwol kruċjali fil-kxif ta' ksur serju tad-drittijiet fundamentali u fil-protezzjoni tal-interess pubbliku u biex jinżammu r-responsabbiltà u l-integrità kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat; jirrimarka li l-protezzjoni tal-informaturi m'għandhiex tkun limitata biss għal każijiet ta' attivitajiet illegali, iżda għandha testendi wkoll għall-każijiet kollha ta' żvelar ta' kondotta ħażina jew ta' għemil ħażin; jirrimarka li l-leġiżlazzjoni eżistenti dwar il-protezzjoni tal-informaturi hija mxerrda u li l-protezzjoni tal-informaturi madwar l-Istati Membri mhijiex ugwali, li spiss ikollha impatt negattiv fuq il-politiki tal-UE;
 3. Jappella għal definizzjoni komuni u wiesgħa ta' żvelar ta' informazzjoni protetta u ta' informaturi biex tiġi żgurata protezzjoni legali għall-informaturi, inklużi dawk li jiżvelaw informazzjoni bi twemmin raġonevoli li l-informazzjoni hija vera fil-mument li tiġi żvelata u li jagħmlu żvelar mhux preċiż bi żball ġenwin;
 4. Jenfasizza li persuni li konxjament jirrapportaw informazzjoni ħażina jew qarrieqa lill-awtoritajiet kompetenti m'għandhomx jitqiesu bħala informaturi u għalhekk ma għandhomx igawdu mill-mekkaniżmi ta' protezzjoni;
 5. Jenfasizza li l-protezzjoni kontra prosekuzzjoni ulterjuri għal malafama jew ksur tas-sigriet professjonali għandha tiġi żgurata.
 6. Jisħaq li l-protezzjoni tal-informaturi għandha tiġi armonizzata fil-livell tal-UE; huwa tal-fehma li strument legali orizzontali tal-UE li jipprovdi protezzjoni għall-ġurnalisti investigattivi u l-informaturi fis-setturi pubbliċi u privati u kkumplementat mir-regoli settorjali jkun l-aktar approċċ effiċjenti biex tiġi żgurata protezzjoni komprensiva u ġenwina tal-informaturi; f'dan ir-rigward, itenni l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni biex tippreżenta, sa tmiem l-2017, proposta leġiżlattiva li tiddefinixxi programm Ewropew komprensiv u effikaċi għall-protezzjoni tal-informaturi, bi qbil mal-prinċipji tal-proporzjonalità u s-sussidjarjetà; din il-proposta għandha tinkludi mekkaniżmi għal

kumpaniji, korpi pubbliċi u organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ;

7. Jenfasizza li l-istituzzjonijiet tal-UE jeħtieġ li jkunu interessati u juru rieda qawwija li jappoġġjaw ir-rwol tal-informaturi u l-benefiċċji li jgħibu fil-korrezzjoni ta' imġiba ħażina; ifakkar fin-nuqqas ta' segwitu u soluzzjoni xierqa rigward każijiet ta' żvelar ta' informazzjoni protetta f'dan il-livell; iqis bħala kwistjoni ta' urġenza li, qabel ma tiġi adottata direttiva dwar il-protezzjoni tal-informaturi, iridu jiġu implimentati sew il-Linji Gwida tal-Kummissjoni dwar il-protezzjoni tal-informaturi fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-UE, u jħeġġeġ lill-istituzzjonijiet kollha, inklużi l-aġenziji tagħhom, biex jistabbilixxu regoli ċari għall-protezzjoni tal-informaturi, kif ukoll miżuri kontra l-prattika tar-"revolving door";
8. Jirrikonoxxi li kwalunkwe persuna li tressaq informazzjoni lil awtorità rilevanti jew li tiżvela ksur b'mezz xieraq ieħor għandu jkollha d-dritt għall-protezzjoni legali;
9. Iħeġġeġ lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u l-Uffiċċju tal-Ombudsman Ewropew biex jippubblikaw, it-tnejn li huma, sa tmiem l-2017: 1) rapporti speċjali li fihom statistika u rekords ċari ta' każijiet ta' żvelar ta' informazzjoni protetta identifikati fl-istituzzjonijiet Ewropej, in-negozji, l-assoċjazzjonijiet, l-organizzazzjonijiet u korpi oħra rreġistrati fl-Unjoni; 2) is-segwitu tal-istituzzjonijiet ikkonċernati b'rabta mal-każijiet żvelati, abbażi tal-linjigwida attwali u r-regoli tal-Kummissjoni; 3) ir-riżultat ta' kull investigazzjoni miftuħa bħala riżultat tal-informazzjoni li tasal mingħand informaturi; 4) il-miżuri previsti f'kull każ għall-protezzjoni tal-informaturi;
10. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-vulnerabbiltà tal-informaturi għar-ritaljazzjoni fil-ħajja personali u professjonali tagħhom, u dwar il-possibbiltà ta' bidu ta' proċedimenti ġudizzjarji ċivili u kriminali kontra l-informaturi; jappella biex jinħoloq qafas legali orizzontali li jinkludi definizzjonijiet, protezzjoni kontra l-forom differenti ta' ritaljazzjoni, u eżenzjonijiet minn proċedimenti kriminali u ċivili, skont kriterji li għandhom jiġu stabbiliti; jenfasizza li l-informaturi għandhom ikunu jistgħu jirrapportaw informazzjoni b'mod kunfidenzjali u anonimu sabiex l-identità tagħhom tinżamm sigrieta u jkollhom il-possibbiltà, sa fejn din tkun konformi mas-sistema legali nazzjonali, li jitolbu ħlasijiet interim jew rimedju b'mandat ta' inibizzjoni sabiex ma jkunx hemm tkeċċija sakemm joħroġ ir-riżultat ta' każ ta' żvelar ta' informazzjoni protetta. jemmen bis-sħiħ li dan iżid il-fiduċja taċ-ċittadini fil-korpi Ewropej u nazzjonali tagħhom;
11. Jenfasizza li l-ebda relazzjoni ta' impjieg m'għandha tillimita d-dritt ta' persuna għal-libertà tal-espressjoni u ħadd m'għandu jiġi diskriminat f'każijiet tal-eżerċizzju ta' dan id-dritt.
12. Jenfasizza li l-protezzjoni tal-informaturi tapplika wkoll jekk is-suspett espress fl-aħħar mill-aħħar ma jkunx ikkonfermat, sakemm il-persuna tkun aġixxiet b'rieda tajba.
13. Jitlob għall-ħolqien ta' mezzi legali, kunfidenzjali, protetti, sikuri u aċċessibbli ta' żvelar fil-livell nazzjonali u Ewropew sabiex jiġi ffaċilitat ir-rappurtar lill-awtoritajiet kompetenti ta' informazzjoni dwar it-tħeddud għall-interess pubbliku; itenni f'dan ir-rigward it-talba tiegħu għal korp indipendenti tal-UE għall-ġbir ta' informazzjoni, għall-konsulenza u għall-konsultazzjoni, b'uffiċċji fl-Istati Membri; jenfasizza, f'dan ir-rigward, ir-rwol potenzjali tal-Uffiċċju tal-Ombudsman Ewropew; jenfasizza li l-informaturi għandhom ikunu ħielsa li jirrapportaw kemm internament, fuq il-post tax-xogħol, kif ukoll

esternament lill-awtoritajiet kompetenti; jenfasizza li l-informaturi li kienu inizjalment anonimi għandhom jingħataw protezzjoni f'każijiet fejn jiddeċiedu li jwaqqfu l-anonimità u jkunu jeħtieġu tali protezzjoni;

14. Jenfasizza li l-awtoritajiet li jmexxu dawn il-mezzi għandhom jinvestigaw dikjarazzjonijiet b'mod professjonali, u jipprovdu wkoll lill-informaturi b'informazzjoni dettaljata dwar id-drittijiet u r-responsabbiltajiet tagħhom, jappoġġjawhom kontra kull miżura ta' tpattija diretta lejhom jew lejn il-familji tagħhom, u jiżguraw aċċess għal għajnuna legali indipendenti b'appoġġ finanzjarju fejn neċessarju, flimkien ma' kwalunkwe appoġġ u trattament psikoloġiku fejn meħtieġ, u jiġu esplorati dikjarazzjonijiet ta' kumpens għal kwalunkwe fastidju jew it-telfien tas-sigurtà tal-għajxien attwali u futura tagħhom,
15. Jenfasizza li skont l-Artikoli 22a, 22b u 22c tar-Regolamenti tal-Persunal, l-istituzzjonijiet kollha tal-UE għandu jkollhom fis-seħħ regoli interni sodi u komprensivi dwar il-protezzjoni tal-informaturi;
16. Jistieden lill-Kummissjoni tqis b'mod sħiħ l-opinjoni tal-partijiet interessati dwar is-suġġett li ssir ġabra dwaru matul il-konsultazzjoni pubblika, li saret f'Mejju 2017;
17. Jenfasizza li l-informaturi huma sors importanti ta' informazzjoni għall-ġurnaliżmu investigattiv; jenfasizza r-rwol importanti tal-midja fil-kaxx ta' illegalitajiet jew kondotta ħażina, speċjalment meta dawn jiksru d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li d-dritt tal-ġurnalisti li ma jiżvelawx l-identità ta' sors ikun protett b'mod effikaċi u legali; jenfasizza li l-ġurnalisti, fil-każ li huma stess ikunu s-sors, jenħtieġ li jiġu protetti u li l-awtoritajiet, fiż-żewġ każijiet, jenħtieġ li jżommu lura milli jużaw is-sorveljanza; ifakkar, f'dan ir-rigward, li d-Direttiva (UE) 2016/943 dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni ta' kompetenza u ta' negozju (sigrieti kummerċjali) kontra l-ksib, l-użu u l-iżvelar illegali tagħhom, m'għandhiex tiġi interpretata b'mod li jnaqqas il-protezzjoni tal-informaturi u tal-ġurnaliżmu investigattiv; jenfasizza li l-ġurnalisti investigattivi huma grupp espost ta' professjonisti, li spiss iħallsu l-prezz b'xogħolhom, bil-libertà jew bil-ħajja tagħhom biex jiżvelaw irregolaritajiet kbar, u jitlob għall-inklużjoni ta' miżuri speċjali li jiproteġu l-ġurnalisti investigattivi fi strument legali orizzontali tal-UE għall-protezzjoni tal-informaturi;
18. Jenfasizza li investigazzjonijiet dwar il-kwistjonijiet imqajma minn informaturi għandhom isiru b'mod indipendenti u fl-iqsar żmien possibbli, filwaqt li jiġu protetti wkoll id-drittijiet ta' individwi li jistgħu jiġu implikati minn tali żvelar. jenfasizza li kemm l-informatur kif ukoll kull persuna implikata mill-iżvelar għandhom ikunu kapaċi jipprovdu argumenti addizzjonali u evidenza matul l-investigazzjoni, u għandhom jinżammu infurmati dwar l-ipproċessar tal-iżvelar.
19. Jitlob li tiġi stabbilita unità ta' konsulenza u ta' riferiment indipendenti fi ħdan l-Ombudsman Ewropew f'pożizzjoni li tirċievi rapporti, ilmenti, tiġbor informazzjoni u tipprovdi parir b'mod adegwat dwar il-protezzjoni tal-informaturi;
20. Jitlob lill-istituzzjonijiet tal-UE, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti kollha, idaħħlu u jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jiproteġu l-anonimità u l-kunfidenzjalità tas-sorsi ta' informazzjoni sabiex jiġu evitati kwalunkwe azzjoni diskriminatorja jew theddid;

21. Jenfasizza li l-organizzazzjonijiet mhux governattivi mhumiex eżentati minn tentattivi ta' amministrazzjoni ħażina, frodi, użu ħażin ta' fondi u irregolaritajiet oħra u jikkunsidra li r-regoli għall-informaturi fis-settur pubbliku u f'dak privat jeħtieġ li japplikaw ugwalment għall-NGOs;
22. Jiddikjara li hija meħtieġa soluzzjoni ċara għall-informaturi li jaħdmu f'kumpaniji rreġistrati fl-UE iżda li huma bbażati barra mill-UE.
23. Jitlob lill-istituzzjonijiet tal-UE jistabbilixxu premju Ewropew tal-informaturi biex iħeġġu bidla fil-perċezzjoni tal-iżvelar ta' informazzjoni protetta u l-konnessjoni tiegħu mad-drittijiet fundamentali u biex jiġi stabbilit żvelar ta' informazzjoni protetta bħala att ta' ċittadinanza tajba.
24. Jenfasizza li d-dritt taċ-ċittadini li jirrapportaw għemil ħażin huwa estensjoni naturali tad-dritt għal-libertà ta' espressjoni u ta' informazzjoni, kif hemm minqux fl-Artikolu 11 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, u huwa essenzjali biex jiġu żgurati l-prinċipji ta' trasparenza u integrità u l-protezzjoni tal-interess pubbliku.
25. Jenfasizza li l-Istati Membri għandhom jikkonformaw mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Protezzjoni tal-Informaturi.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	7.9.2017
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 32 -: 5 0: 12
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Jan Philipp Albrecht, Martina Anderson, Monika Beňová, Caterina Chinnici, Rachida Dati, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Frank Engel, Cornelia Ernst, Raymond Finch, Ana Gomes, Nathalie Griesbeck, Sylvie Guillaume, Jussi Halla-aho, Monika Hohlmeier, Filiz Hyusmenova, Sophia in 't Veld, Eva Joly, Barbara Kudrycka, Cécile Kashetu Kyenge, Juan Fernando López Aguilar, Roberta Metsola, Claude Moraes, Péter Niedermüller, Soraya Post, Judith Sargentini, Birgit Sippel, Branislav Škripek, Sergei Stanishev, Helga Stevens, Traian Ungureanu, Bodil Valero, Marie-Christine Vergiat, Udo Voigt, Josef Weidenholzer, Kristina Winberg, Auke Zijlstra
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Andrea Bocskor, Pál Csáky, Dennis de Jong, Gérard Deprez, Andrejs Mamikins, Nuno Melo, Maite Pagazaurtundúa Ruiz, Christine Revault d'Allonnes Bonnefoy, Elissavet Vozemberg-Vrionidi
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Salvatore Cicu, André Elissen, Krzysztof Hetman, Elisabeth Köstinger

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

32	+
ALDE	Gérard Deprez, Nathalie Griesbeck, Filiz Hyusmenova, Sophia in 't Veld, Maite Pagazaurtundúa Ruiz
ECR	Jussi Halla-aho, Helga Stevens, Branislav Škripek
GUE/NGL	Martina Anderson, Cornelia Ernst, Dennis de Jong, Marie-Christine Vergiat
NI	Udo Voigt
PPE	Elisabeth Köstinger
S&D	Monika Beňová, Caterina Chinnici, Ana Gomes, Sylvie Guillaume, Cécile Kашetu Kyenge, Juan Fernando López Aguilar, Andrejs Mamikins, Claude Moraes, Péter Niedermüller, Soraya Post, Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Birgit Sippel, Sergei Stanishev, Josef Weidenholzer
Verts/ALE	Jan Philipp Albrecht, Eva Joly, Judith Sargentini, Bodil Valero

5	-
EFDD	Raymond Finch
ENF	André Elissen, Auke Zijlstra
PPE	Frank Engel, Traian Ungureanu

12	0
EFDD	Kristina Winberg
PPE	Andrea Bocskor, Salvatore Cicutu, Pál Csáky, Rachida Dati, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Krzysztof Hetman, Monika Hohlmeier, Barbara Kudrycka, Nuno Melo, Roberta Metsola, Elissavet Vozemberg-Vrionidi

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni